MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 614/2008

**Jean Bonnici ID 571965(M)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Sliema, GO PLc u**
**b'digriet tat-23 ta' Gunju 2009, giet kjamata**
**in kawza s-socjeta` Polidano Brothers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Awissu 2008, li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li ghanda tiehu s-somma ta' elf, mitejn u seba` u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1297.62), rappresentanti danni subiti mill-attrici meta waqghet u wegghet riglejha waqt illi kienet miexja fuq il-bankina fi Triq Rodolfu, Sliema u dan minhabba l-fatt illi tliett cangaturi mill-imsemmija bankina

kellhom il-wicc jizloq filwaqt illi ma kienux mqieghda livell mal-bqija tal-bankina, tant li rrendew il-bankina inaddatta u perikoluza ghal zona pedonali.

Ra r-riposta tas-socjeta` GO Plc tat-30 ta' Jannar 2009 u dik tal-Kunsill Lokali Sliema tal-11 ta Frar 2009.

Ra illi wara rikors tas-socjeta` konvenuta GO Plc, it-Tribunal kien ddegreta fit-23 ta' Gunju 2009 billi sejjah in kawza lis-socjeta` Polidano Brothers Limited.

Ra illi s-socjeta` kjamata in kawza gie debitament notifikata fis-27 ta' Settembru 2009, izda naqqset milli tipprezenta risposta u naqset ukoll milli tidher ghas-seduti.

Ra illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2010, gie ppresentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza Polidano Borthers Limited.

Ra illi fis-seduta tal-llum, l-attrici cediet il-kawza taghha fil-konfront tal-intimati Kunsill Lokali Sliema u GO Plc, u t-Tribunal astjena milli jippronunzja ruhu dwar it-talba attrici fil-konfront taghhom.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex is-socjeta` kjamata in kawza twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` kjamata in kawza naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-8 ta' Frar 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant**, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza Polidano Borthers Limited, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal

jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Polidano Borthers Limited thallas lill-attrici s-somma ta’ elf, mitejn u seba` u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1297.62), bl-imghax millum u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------